MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1517/1995/1

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tas-sebgha ta' Frar, 2000 l-atti gew trazfuzi f'isem Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Denis Borg**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness a Dok A, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm

2,841.40 (elfejn tmien mija u wiehed u erbghin lira u erbghin centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 342758.

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dok. B, u

Premess illi minkejja interpellat ihallas il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur noe s-somma ta' Lm2,841.40 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 342758 skond il-prospett esebit a Dok. B., kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Jannar, 1994 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 26 tal-process fejn ecceppixxa:

1. Illi preliminarjament hemm lok ghal konnessjoni ta' kawzi fis-sens li l-proceduri odjerni ghandhom jinstemghu flimkien u konstestwalment mal-kawza fl-ismijiet **DENIS BORG vs DOREEN SMITH ET.** ( Citaz. Nru. 535/92NA) li tinsab differita ghas-seduta tal-15 ta' Mejju, 1997.

2. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-fond fejn kien installat is-servizz tat-telefon bin-numru 342758 kien fil-pussess ta' Doreen u Emanuel konjugi Camilleri matul il-perjodu li tieghu qieghed jintalab il-hlas, u ghalhekk dawn ghandhom jigu kjamati fil-kawza.

3. Illi minnghajr pregudizzju ghall-premess, fl-ebda kaz l-eccipjent m'ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali tal-proceduri odjerni stante li huwa kien informa lill-attur nomine, permezz ta' korrispondenza, li f'dan ir-rigward kien hemm kawza pendenti fl-ismijiet **DENIS BORG vs DOREEN SMITH ET** (citaz. Nru. 535/92NA)

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**PROVI**

**Saviour Farrugia** xehed li t-telephone in kwistjoni gie nstallat fil-1990 u r-*registered consumer* kien Dennis Borg. Il-linja nqaghtet fit-22 ta' Ottibru 1992. Is-servizz tnehha fit-2 ta' Marzu 1993. Huma qed jitolbu l-hlas ghas-servizz mill-1 ta' Ottubru 1990 sal-31 ta' Marzu 1992. Fl-24 ta' Mejju 1992 il-konvenut kien talab *itemised bill* izda *itemized bills* bdew johorgu wara l-1992. Meta jsir pagament l-ircevuta tohrog fuq is-*subscriber* allavolja l-pagament ma jsirx minnu. Hu ma jafx jekk kienx hemm persuna ohra li kienet qed taghmel uzu minn dana t-*telephone* fil-perjodu in kwistjoni. Kien biss wara li nqala t-*telephone* li dahal *subscriber* iehor. Barra l-*agreement* tat-*telephone* fil-*file* m'ghandux aktar korrispondenza. F'Lulju 1993 kien kiteb Dr. Frank Cassar ghal konvenut u kien qalilhom li fejn kien hemm it-*telephone* kien hemm il-konjugi Camilleri .Kien sar pagament wiehed ta' Lm26.48 fit-18 ta' Marzu 1991. L-ammont dovut huwa ta' Lm2,841 skond l-istatement a fol. 5.

**Dennis Borg** xehed li hu kien kera l-post in kwistjoni lil Doreen Smith li wara zzewget lill Emanuele Camilleri. Il-post krieh fid-9 ta' Ottubru 1990. Skond id-Dok DB1 a fol. 71 klawzola 4 il-kontijiet tat-*telephone* kellhom jithallsu minn Camilleri. Il-konjugi Camilleri baqghu jghixu fil- post sal-20 ta' Frar 1992. Kien ha passi bil-Qorti kontra Camilleri u l-Qorti kkundannathom ihallsuh is-somma ta'

Lm2,892.64 li minnhom Lm2,841.40 jirreferu ghall hlas ghall uzu tat-telefon. Hu ma kien ghamel ebda uzu mit-telefon li kien installat fil-post. Hu qatt ma rceva kont minghand il-Maltacom. L-ewwel darba li sar jaf bil-kwistjoni kien wara li Camilleri telqu mill-post u sab il-kont fil-post.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-**Telephone Service Regulations 1972** u senjatament ir-regolament 32(2) u (3) jipprovvdi li:

(2) *"Where owing to the change of ownership, lease, tenancy or occupation of any premises, such premises cease to be qualified as a subscriber's premises in respect of a particular person, such person shall notify the Chairman (tal-Korporazzjoni) in writing within seven days of such change, and the person who thereby enters into the ownership, lease, tenancy or occupation of the premises shall likewise, within the said period, notify in writing the Chairman who may either* cause the installation to be removed or allow the said latter person to retain it against payment of the appropriate charges".

(3) If the provisions of para (2) of this regulation are not complied with, then, saving any other right or remedy competent to the Chairman, the subscriber and the new owner, lessee, tenant or occupier, as the case may be, shall be jointly and severally liable for any charges and for any other moneys that may be due for rentals, calls service and cost of any damage that may be due or may become due."

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi li l-konvenut qatt ma informa lill atturi li l-post kien mikri lill haddiehor u li kien hemm terzi persuni li qed jaghmlu uzu mis-servizz tat-*telephone*. Ghall atturi, baqa dejjem il-konvenut ir-

*registered subscriber* li effettivament kien ghamel il-ftehim Dok a fol. 4 maghhom. Kien biss f'Lulju 1993 li kien kiteb Dr. Frank Cassar ghan-nom tal konvenut biex jinfurma lill atturi li fejn hemm it-*telephone* kien hemm il-konjugi Camilleri, cjoe wara li Camilleri kienu hargu mill-post u s-servizz kien inqata.

L-atturi kienu jibghatu l-kontijiet f'isem konvenut bhala *subscriber* fil-post indikat fl-*agreement* li hu kien iffirma.

Illi ghalhekk il-konvenut a tenur tal-ligi u l-ftehim li kien hemm, baqa' responsabbili ghall ammont mitlub mill-atturi ghas servizz tat-telephone, liema ammont il-konvenut dejjem jista' jigbru minghand Camilleri skond is-sentenza li kien ottjena.

Dwar l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma saret ebda kontestazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur noe s-somma ta' Lm2,841.40 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-*telephone* numru 342758 skond il-prospett esebit a Dok. B., kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------